MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru. 659/2000

**Il-Pulizija**
**Supretendent Alexandra Mamo**

**vs**

**Frankie Pace**
**omissis**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Frankie Pace ta’ 21 sena iben Lawrence u Mary nee’ Psaila imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Lulju 1979 u residenti 75, Triq is-Sur, l-Isla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 319679 (M) u omissis gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

F’ dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta’ bejn Ottubru 1999 u Frar 2000 u fix-xhur ta’ qabel b’ diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi;

a) Ghamlu falsifikazzjoni f’ att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi f’ dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ ghamlu falsifikazzjoni tal-firma ta’ Tommi Magrin u ta’ persuni ohra fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) Iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta’ Marketing Services u ta’ M. Attard u persuni ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bih hlas jew jiehu kunsinnja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamlu uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

c) B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’ qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex iggieghlu titwemmen ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ Lm 215.46, bi hsara ghal Marketing Services Limited, Bank of Valletta, Daily Needs, Tommi Magrin u persuni ohra u dan bi ksur ta’ Artikolu 308, 309 u 310 (1) (b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

d) Xjentement laqghu ghandhom jew xtraw affarijiet misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’reat jew

xjentement b' kull mod li jkunu indahlu biex imexxuhom jew ibieghuhom b' ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lill Frankie Pace wahdu talli ;

I. Ikkommetta serq ta' cekk book mahrug mil-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Marketing Services Limited u persuni ohra, serq ta' Lm300 f' kontanti ghad-detriment ta' Crafts Creations, kif ukoll serq ta' licenzja tas-sewqan mahruga lil Tommi Magrin u dan ghad-detriment tal-Bank of Valletta, Marketing Services Limited, Tommi Magrin u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 284 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

II. Ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi f' dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-licenzja tas-sewqan ta' Tommi Magrin, u ta' persuni ohra u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183, 184 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil omissis wahdu talli :

I. Kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 9, Kapitolu 152 fuq sentenza tal-Qorti tal-25 ta' Novembru 1999.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Settembru 2000 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2001 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz

tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat illi b'digriet tas-27 ta' Lulju 2001 intlaqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni u giet ordnata is-separazzjoni tal-gudizzju tal-proceduri fil-konfronti tal-imputat Frankie Pace u l-ko-akkuzat l-iehor.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-13 ta' Gunju 2008 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat il-Pre-Sentencing Report esebit a fol. 79 tal-process.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-fedina penali aggornata tal-imputat esebita a fol. 50 sa 69 tal-process kif ukoll mill-Pre-Sentencing Report jirrizulta li prezentement l-imputat qed jiskonta diversi pieni karcerarji. Il-Qorti hija ghalhekk prekluza milli tapplika l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 kif suggerit mill-Probation Officer fil-Pre-Sentencing Report u ghaldaqstant sejra timponi piena karcerarja effettiva. Il-Qorti izda wara li qieset is-suggerimenti tal-Probation Officer sejra timponi piena karcerarja vicin il-minimu u qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jiehu l-provvedimenti kollha mehtiega sabiex l-imputat jinghata

kull ghajnuna sabiex jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310 (1)(b), 334, 267, 284 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Frankie Pace hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------